MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Numru 8/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Kontra**

**Jonathan Coleiro**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 8 tas-sena 2011 kontra l-akkuzat Jonathan Coleiro li bih huwa gie akkuzat talli:
Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tlettax (13) ta` April tas-sena elfejn u disgha (2009) ghal-habta tas-sitta u nofs ta` filghaxija (18.30pm) l-akkuzat **JONATHAN COLEIRO** dahal go hanut bl-isem ta` Seven Mobiles li jinsab Triq Salvu Psaila, Birkirkara, b`wiccu mghammad u armat b`arma tan-nar(revolver) u dan bil-hsieb li jaghmel serqa tajba. Malli dahal go dan il-hanut l-akkuzat **JONATHAN COLEIRO** sab is-sid tal-hanut certu Charles Zammit, ipponta l-arma tan-nar li kellu f`idejh u mill-ewwel spara tir lejn Charles Zammit biex ibezzghu pero` fortunatament ma` laqtux. **JONATHAN COLEIRO**

zamm u issekwestra lil Charles Zammit kontra l-volonta` tieghu u gieghlu jidhol f`kamra ohra fl-istess hanut. Waqt li Charles Zammit kien f`din il-kamra, l-akkuzat seraq ammont ta` oggetti minn dan il-hanut fosthom mobile phones u laptop u harab jigri l-barra. Charles Zammit hassu urtat b`dak li kien qieghed jigri quddiem ghajnejh u iddecieda li jigri wara dan il-malvivent sabiex jipprova jaqbdu u jisfratta s-serqa. Waqt li Charles Zammit kien qieghed jigri warajh, **JONATHAN COLEIRO** armat bir-revolver li kellu f`idejh, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Charles Zammit f`periklu car, ipponta u spara xejn inqas minn hames tiri fid-direzzjoni tieghu izda b`xorti tajba tir wiehed biss laqat lil Charles Zammit fid-driegh tax-xellug. Charles Zammit, nonostante li kien milqut b`tir t`arma tan-nar, xorta wahda baqa jigri wara **JONATHAN COLEIRO** pero` l-istess akkuzat dahal f`karozza tat-tip Hyundai Accent numru ta` registrazzjoni LAA 741 li kienet qieghdha tistennieh u telaq. Minhabba din l-isparatura Charles Zammit kellu jiddahhal l-isptar sabiex jigi medikat pero` fortunatament il-griehi li garrab ma kkawzawx il-mewt.

Wara li sehh dan id-delitt il-Pulizija ghamlet investigazzjoni intensiva li wasslitha tiddentifika lill-akkuzat **JONATHAN COLEIRO** bhala l-persuna li wettqet dan ir-reat.

Illi l–akkuzat **JONATHAN COLEIRO** instab hati diversi drabi b`sentenzi moghtija mill- Qrati Maltin fosthom fit-tmintax (18) t`April tas-sena elfejn u sebgha (2007) mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fl–ismijiet “Il- Pulizija vs. Jonathan Coleiro” liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mhassra.

Illi b`ghemilu l-imsemmi **JONATHAN COLEIRO** sar recidiv u hati ta` tentattiv ta` omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f`periklu car, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall- ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi **JONATHAN COLEIRO** recidiv u hati ta` tentattiv ta` omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f`periklu car, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall- ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Jitlob li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal-piena ta` prigunerija minn seba` snin sa ghomru skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 17, 49, 50, 41(1)(a), 211(1)(2), 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-tieni kap Illi fit-tlettax (13) ta` April tas-sena  elfejn u disgha (2009) ghal-habta tas-sitta u nofs ta` filghaxija (18.30pm) l-akkuzat **JONATHAN COLEIRO** dahal go hanut bl-isem ta` Seven Mobiles li jinsab Triq Salvu Psaila, Birkirkara, b`wiccu mghammad u armat b`arma tan-nar (revolver) u dan bil-hsieb li jaghmel serqa tajba. Malli dahal go dan il-hanut l-akkuzat **JONATHAN COLEIRO** sab is-sid tal-hanut certu Charles Zammit, heddu li se jwegghu, ipponta l-arma tan-nar li kellu f`idejh u mill-ewwel spara tir lejn Charles Zammit biex ibezzghu pero` fortunatament ma` laqtux. **JONATHAN COLEIRO** zamm u issekwestra lil Charles Zammit kontra l-volonta` tieghu u gieghlu jidhol f`kamra ohra fl-istess hanut sabiex ikun jista jwettaq is-serqa minghajr ebda xkiel. Waqt li Charles Zammit kien f`din il-kamra,  l-akkuzat seraq ammont ta` oggetti minn dan il-hanut fosthom tlett mobile phones u laptop u harab jigri l-barra. Il-valur komplessiv ta` dawn l-oggetti huwa ta` madwar elfejn erbgha mija hamsa u hamsin ewro (2,455). Charles Zammit hassu urtat b`dak li kien qieghed jigri quddiem ghajnejh u iddecieda li jigri wara dan il-malvivent sabiex jipprova jaqbdu u jisfratta din is-serqa. Waqt li Charles Zammit kien qieghed jigri warajh,  **JONATHAN COLEIRO** armat bir-revolver li kellu f`idejh, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Charles Zammit f`periklu car, ipponta u spara xejn inqas minn hames tiri

fid-direzzjoni tieghu izda b`xorti tajba tir wiehed biss laqat lil Charles Zammit fid-driegh tax-xellug. Charles Zammit, nonostante li kien milqut b`tir t`arma tan-nar, xorta wahda baqa jigri wara **JONATHAN COLEIRO** pero` l-istess akkuzat dahal f`karozza tat-tip Hyundai Accent numru ta` registrazzjoni LAA 741 li kienet qieghdha tistennieh u telaq bl-oggetti kollha li kien ghadu kif seraq.

Wara li sehh dan id-delitt il-Pulizija ghamlet investigazzjoni intensiva li wasslitha tiddentifika lill-akkuzat **JONATHAN COLEIRO** bhala l-persuna li wettqet dan ir-reat.

Illi l–akkuzat **JONATHAN COLEIRO** instab hati diversi drabi b`sentenzi moghtija mill- Qrati Maltin fosthom fit-tmintax (18) t`April tas-sena elfejn u sebgha (2007) mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fl–ismijiet “Il- Pulizija vs. Jonathan Coleiro” liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mhassra.

Illi b`ghemilu l-imsemmi **JONATHAN COLEIRO** sar recidiv u hati ta` serq ta` oggetti tal-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (armi, theddid, tentattiv t`omicidju volontarju u sekwestru tal-persuna), mezz (ghata tal-wicc) u valur.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi **JONATHAN COLEIRO** recidiv u hati ta` serq ta` oggetti tal-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (armi, theddid, tentattiv t`omicidju volontarju u sekwestru tal-persuna), mezz (ghata tal-wicc) u valur.

Jitlob li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal-piena ta` prigunerija minn sitt snin sa ghomru skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 17, 23, 31, 49, 50, 41(1)(a), 261(a)(b(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 273, 274 (b), 275, 276, 277, 278, 279 (b), 280, 289 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena

ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-tielet Kap Illi fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan l-att t'akkuża u cioe` fit-tlettax (13) ta` April tas-sena elfejn u disgha (2009) ghal-habta tas-sitta u nofs ta` filghaxija (18.30pm) l-akkuzat **JONATHAN COLEIRO** dahal go hanut bl-isem ta` Seven Mobiles li jinsab Triq Salvu Psaila, Birkirkara, b`wiccu mghammad u armat b`arma tan-nar (revolver) u dan bil-hsieb li jaghmel serqa tajba. **JONATHAN COLEIRO** ghalhekk kellu fuqu arma tan-nar tat-tip revolver, ikkargat u li jiehu hames balal. Malli dahal go dan il-hanut l-akkuzat **JONATHAN COLEIRO** sab is-sid tal-hanut certu Charles Zammit, ipponta l-arma tan-nar li kellu f`idejh u mill-ewwel spara tir lejn Charles Zammit pero` fortunatament ma` laqtux. **JONATHAN COLEIRO** zamm u issekwestra lil Charles Zammit kontra l-volonta` tieghu u gieghlu jidhol f`kamra ohra fl-istess hanut. Waqt li Charles Zammit kien f`din il-kamra, l-akkuzat seraq ammont ta` oggetti minn dan il-hanut fosthom mobile phones u laptop u harab jigri l-barra. Charles Zammit hassu urtat b`dak li kien qieghed jigri quddiem ghajnejh u iddecieda li jigri wara dan il-malvivent sabiex jipprova jaqbdu u jisfratta s-serqa. Waqt li Charles Zammit kien qieghed jigri warajh, **JONATHAN COLEIRO** armat bir-revolver li kellu f`idejh, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Charles Zammit f`periklu car, ipponta, immira u spara xejn inqas minn hames tiri fid-direzzjoni tieghu izda b`xorti tajba tir wiehed biss laqat lil Charles Zammit fid-driegh tax-xellug. Fil-mument ta' dan id-delitt, l-akkużat **JONATHAN COLEIRO** kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar, liema arma giet effettivament użata fil-kommissjoni ta' l-imsemmi delitt volontarju kontra l-persuna ta' Charles Zammit.

Illi l–akkuzat **JONATHAN COLEIRO** instab hati diversi drabi b`sentenzi moghtija mill- Qrati Maltin fosthom fit-tmintax (18) t`April tas-sena elfejn u sebgha (2007) mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura

Kriminali fl–ismijiet “Il- Pulizija vs. Jonathan Coleiro” liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mhassra.

Illi b’għemilu l-imsemmi **JONATHAN COLEIRO** sar recidiv u ħati talli, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta’ dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f’dan il-kap t’akkuża, jakkuża lill-imsemmi **JONATHAN COLEIRO** recidiv u ħati talli, fit-tlettax (13) ta’ April tas-sena elfejn u disgha (2009), f`Birkirkara, fil-ħin li għamel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta’ dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu u jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn hames snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Att dwar l-Armi [Kap. 480 tal-Liġijiet ta’ Malta], u l-artikoli 17(h), 23, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-raba` Kap illi fl-isfond tal-istess fatti u ċirkostanzi taż-żmien u lok imsemmija fil-kapi t’akkuża preċedenti ta’ dan l-att ta’ akkuża, u ċioè fit-tlettax (13) ta’ April tas-sena elfejn u disgha (2009) għal ħabta tas- 18.30pm, fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara l-akkużat **JONATHAN COLEIRO**, kellu f’idejh u allura fil-pussess tieghu arma tan-nar (revolver) u munizzjon bl-ghan li jaghmel delitt. Il-pussess ta` din it-tip ta` arma tan-nar huwa espressament projbit mil-Ligi u aparti dan l-akkuzat **JONATHAN COLEIRO** ma kienx debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikollu pussess ta` din l-arma tan-nar.

Illi l–akkuzat **JONATHAN COLEIRO** instab hati diversi drabi b`sentenzi moghtija mill- Qrati Maltin fosthom fit-tmintax (18) t`April tas-sena elfejn u sebgha (2007) mill-

Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fl–ismijiet "Il- Pulizija vs. Jonathan Coleiro" liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mhassra.

Illi b'għemilu l-imsemmi **JONATHAN COLEIRO** sar recidiv u ħati talli, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar projbita jew munizzjon projbit barra minn fond jew post li jagħmel miegħu u kif ukoll mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi **JONATHAN COLEIRO**, reċidiv f'delitt u ħati talli fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) għal ħabta tas- 18.30pm kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar projbita jew munizzjon projbit barra minn fond jew post li jagħmel miegħu u kif ukoll mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija u jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tlett xhur u mhux aktar minn tnax il- sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 3, 4, 51 (1)(a) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)], u l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Jonathan Coleiro pprezentat fis-6 ta' Jannar, 2012 fejn iddikjaraw li qed jaqblu ai termini tal-arikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din il-Qorti li fl-eventwalita li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqhu ghanda tkun wahda ta' prigunerija ghal-perjodu ta' hmistax (15) il-sena u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija u dan ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Ghaldaqstant, tiddikjara lil Jonathan Coleiro hati talli:

1) Recidiv u hati ta` tentattiv ta` omicidju volontarju u cioe` talli fit-tlettax (13) ta` April tas-sena elfejn u disgha (2009) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f`periklu car, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall- ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

2) Recidiv u hati ta` serq ta` oggetti tal-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (armi, theddid, tentattiv t`omicidju volontarju u sekwestru tal-persuna), mezz (ghata tal-wicc) u valur.

3) Recidiv u ħati talli, fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009), f`Birkirkara, fil-ħin li għamel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu

4) Reċidiv f'delitt u ħati talli fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) għal ħabta tas- 18.30pm kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar projbita jew munizzjon projbit barra minn fond jew post li jagħmel miegħu u kif ukoll mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ikkonsidrat;

Illi r-reati taht l-ahhar tlett kapi tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huma assorbiti fir-reat taht l-ewwel kap stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat taht dan l-ewwel kap a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubbllika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubbllika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn).

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxa ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 17, 17(h), 23, 31, 41(1)(a), 49, 50, 211(1)(2), 261(a)(b(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 273, 274 (b), 275, 276, 277, 278, 279 (b), 280, 289, u 533 tal-Kodici

Kriminali kif ukoll l- artikoli 3, 4, 51(1)(a), 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Att dwar l-Armi Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tikkundanna lill-hati**, Jonathan Coleiro** ghall-piena komplessiva ta' hmistax **(15) il-sena prigunerija**, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' hamest elef, tlett mija w sitta w hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmi **(€5356,21),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------